Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 151/2019: JANUSZ GASIOR (ID. 36181A) V. S.I.T. SWIMPOOL INNOVATION TECHNOLOGIES LTD (C70874) U MARCO ILUZZI (PASSAPORT TALJAN AV 8384140) U B'DIGRIET TAS-6 TA' NOVEMBRU 2019 AV. DR. JOE BRINCAT ĠIE MAĦTUR BĦALA KURATUR DEPUTAT SABIEX JIRRAPPREŻENTA LILL-ASSENTI MARCO ILUZZI

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GĦAS-SUBIZZJONI – DANNI SUBITI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Ottubru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Janusz Gasior ("ir-rikorrent") ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2019,

wara li rat li fis-6 ta' Novembru 2019 il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr. Joe Brincat sabiex jirrappreżenta lill-intimat assenti Marco Iluzzi ("l-intimat"),

wara li rat li l-Qorti kienet ordnat fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 illi l-kumpanija Swimpool Innovation Technologies Ltd ("il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") tiġi meqjusa bħala notifikata bir-rikors u l-atti relattivi b'effett mill-1 ta' Awwissu 2019,

wara li rat illi l-kumpanija intimata baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta u naqset milli tidher għas-seduta tal-20 ta' Jannar 2020,

wara li rat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata ippreżentat mir-rikorrent fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020[1],

[1] Fol 32

wara li rat illi l-kumpanija intimata għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020,

wara li rat li l-intimat baqa' ma' ppreżenta l-ebda risposta u ma' deher għall-ebda seduta,

wara li rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrent qed jitlob il-ħlas tas-somma ta' tnax-il elf, tliet mija disgħa u disgħin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€12,399.96) jew kwalunkwe somma oħra li tista' tiġi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima tagħha, liema somma tirrappreżenta rifużjoni ta' prezz imħallas mir-rikorrent lill-intimati għall-installazzjoni ta' *pool* fil-*penthouse* tar-rikorrent, liema *pool* skond ir-rikorrent mhijiex funzjonanti u ma' saritx skond is-sengħa, kif ukoll danni subiti mir-rikorrent b'riżultat tax-xogħol ħażin eżegwit mill-intimati jew min minnhom. Ir-rikorrent talab ukoll il-ħlas tal-ispejjeż u l-imgħaxijiet skond il-liġi. L-intimati ġew inġunti in subizzjoni[2].

2. Din il-Qorti sussegwentement ħatret lill-Avukat Dr. Joe Brincat sabiex jirrappreżenta lill-intimat assenti.

3. Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 il-Qorti ordnat illi l-kumpanija intimata tiġi meqjusa bħala notifikata bir-rikors u l-atti relattivi b'effett mill-1 ta' Awwissu 2019

4. Il-kumpanija intimata baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta u naqset milli tidher għas-seduta tal-20 ta' Jannar 2020,

5. Għalhekk fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 ir-rikorrent ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata liema kapitolu ġie approvat mill-Qorti. Fil-kapitolu, ir-rikorrent talab lill-kumpanija intimata '*tipprova bil-ġurament li hija debitriċi tar-rikorrent fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad *inter alia* tħalliet għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata għall-24 ta' Frar 2020.

6. Il-kumpanija intimata għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 u dan sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrent.

[2] Fol. 1

7. Min-naħa l-oħra l-intimat, rappreżentat mill-Kuratur Deputat, baqa' ma' ppreżenta l-ebda risposta u ma' deher għall-ebda seduta.

*Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-kumpanija intimata f'din il-kawża*

8. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

   'Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.'

9. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

   'Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'

10. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

    'Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'

11. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

    '699.(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.

    (2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'

12. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

    'Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'

13. It-talba għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata saret mir-rikorrent kemm fir-rikors ossia fl-avviż tat-talba kif ukoll seduta stante matul is-seduta tal-20 ta' Jannar 2020.

14. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

    'il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'

15. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-kumpanija intimata fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tal-24 ta' Frar 2020 sabiex *inter alia* il-kumpanija intimata twieġeb għad-domanda tar-rikorrent.

16. Meta fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 il-kumpanija intimata naqset għal darb' oħra milli tidher sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrent hija effettivament ammettiet illi hija debitriċi tar-rikorrent fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

17. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

    "*din ic-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

*Provi*

18. Fl-24 ta' Frar 2020 ir-rikorrent xehed *inter alia* illi:

    "*it started in late 2017... So, I was building a penthouse basically. I had the air space so I built up a penthouse. In the plans I had little pool basically which point I searched for somebody to do the pool. I had quite a few people that came pretty much, I don' t know five or six different companies on the island. But all of them were booked out for two years. Marco was the only one, Marco Iluzzi was the only one that said he could start the job straight away pretty much... he quoted and because of the time line that he*

*gave me that he could do this project I basically took his option and agreed... the total was twelve thousand, three hundred ninety- nine (12,399)"*[3]

F'dan ir-rigward ir-rikorrent esebixxa l-istima maħruġa lilu, liema stima ġiet immarkata bħala Dok JG1[4]. Esebixxa ukoll kopja ta' sensiela ta' ċekkijiet maħruġa minnu fuq l-intimat[5]. L-intimat jgħid illi ħallas ukoll is-somma ta' elfejn euro (€2,000) *cash* lill-intimat.

Ir-rikorrent kompla jixhed kif ġej:

*"Just for the record, I never doubted anybody else apart from Mr. Marco Iluzzi. I know the stated company represented on the quote, however I never ever seen anybody else from the organisation. Marco Iluzzi was the only one that came. He was always the one that came for the money and the cheques. He always requested the cheques to be made into his name...*

*Fast forward over the couple of years that I have been trying to get him to finish the works. He cancelled at me, I could say at least forty, fifty times. He made up stories where you know either his way and his worker injured or somebody is sick, and fifty other reasons basically that happened throughout these two years. After that sort of assumed that he' s not going, I heard stories, I read on Facebook other people were having the same issues actually commercial hotels involved. I did look for somebody to come and look at to finish the works... I engaged quite a few people, companies in Malta. And that took another over a year because the companies that came to look at the work said they wouldn't touch it... Because the work that Marco has done was basically double the work that they would have destroy everything because they didn' t want to take the liability of finishing something that was guaranteed"*

Ir-rikorrent jgħid li eventwalment qabbad lil kumpanija Maltija bl-isem ta' Deco Stone:

*"Deco Stone they don' t specialise in pools. Director of Deco Stone he lived in Italy and he has done pools, that' s not his core but he's the only guy that looked at the situation and he said I help you out because I told him the whole. I took some pictures just to show you, your Honour, the sort of going from the scammer that Marco installed to what he had to be removed and redone by Deco Stone... They actually*

[3] Fol 34A *et. seq.*
[4] Fol 35
[5] Fol 40-41

*hammer, drew hammer the pool down to get to the pipes... They removed the pipes. They found a lot of the pipes were put in without even glue, which makes me only think that Marco was never really interested in finishing the works."*

Ir-rikorrent esebixxa sett ta' ritratti f'dan ir-rigward liema sett ġie mmarkat bħala Dok JG3[6]. Huwa qal ukoll illi x-xogħolijiet minn Deco Stone għadhom jridu jitlestew u li stima inizjali tal-prezz tax-xogħolijiet tagħhom kienet dik ta' tmient elef euro (€8,000) u li pero qed jikkalkola li l-ispiża ser teċċedi dik ta' għaxart elef euro (€10,000). Mistoqsi mill-Qorti sabiex jippreżenta din l-istima b'mod formali ir-rikorrent indikata illi kien ser jagħmel dan permezz ta' nota jew inkella billi jtella rappreżentant tal-kumpanija l-ġdida li qabbad ir-rikorrent. Jidher pero illi baqgħet ma' tressqet l-ebda prova ulterjuri f'dan ir-rigward.

19. Imbagħad l-istess rikorrent fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 kkonferma illi l-ammont mitlub fir-rikors għadu dovut lilu sal-lum.

20. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

"... *huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process*".

21. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

*"ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti".*

22. Ir-rikorrent qed jitlob is-somma ta' tnax-il elf, tliet mija disgħa u disgħin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€12,399.96) jew somma oħra li tiġi likwidata mill-Qorti bħala

---

[6] Fol 42-47

rifużjoni ta' prezz imħallas lill-intimati u bħala danni. Dan il-prezz jirriżulta mid-dokument JG1 esebit mir-rikorrent (fol 39). Però l-ħlasijiet li għamel ir-rikorrent lill-intimat Iluzzi skond il-kopja taċ-ċekkijiet fid-dokument JG2 (fol 40-41) flimkien mas-somma ta' elfejn euro (€2,000) *cash* li skond ir-rikorrent ħallas *cash* lill-istess intimat, jammontaw *in toto* għat-total ta' € 12,322 li ġew imħallsa. Għalhekk l-ammont dovut lura lir-rikorrent **bħala rifużjoni ta' dak li tħallas** minnu huwa dak ta' € 12,322. Bħala danni, ir-rikorrent ma' ressaq l-ebda prova dwar l-ispejjeż imħallsa lill-kumpanija Deco Stone (allegatament in eċċess ta' €10,000) u lanqas dwar liema parti minn dawn l-ispejjeż kellhom jitqiesu bħala danni..

23. Il-Qorti hija sodisfatta għalhekk li l-ammont totali dovut lir-rikorrent mill-intimati jew min minnhom huwa dak ta' tnax-il elf tlett mija tnejn u għoxrin euro (€ 12,322).

**Deċiżjoni**

24. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent limitatament kif ġej:**
    1. **Tiddikjara li l-intimati huwa debituri tar-rikorrent fis-somma ta' tnax-il elf tlett mija tnejn u għoxrin euro (€ 12,322) rappreżentanti rifużjoni ta' prezz imħallas mir-rikorrent lill-intimati għall-installazzjoni ta' pool fil-penthouse tar-rikorrent, liema pool ma' kienetx funzjonanti u ma' saritx skond is-sengħa;**
    2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrent dan l-ammont flimkien mal-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;**
    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż dawn jkunu a karigu tal-intimati.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur